**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 753/2016**

***ERREMME BUSINESS ADVISORS LIMITED C30153***

***VS.***

***MARSASKALA FOOTBALL CLUB***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha magħmula mill-kumpannija attriċi Erremme Business Advisors Limited sabiex hija titħallas mingħand Marsaskala Football Club is-somma ta' €23,636.35;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fit-**30 ta' Awwissu, 2016**, il-kumpannija attriċi fissret li matul iż-żmien li fih Reuben Buttiġieġ kien il-president ta' Marsaskala Football Club, dan il-klabb mhux dejjem kellu biżżejjed fondi sabiex iħallas il-flejjes li kienu dovuti lil terzi. Għalhekk il-kumpannija attriċi kienet għamlet il-ħlasijiet f'isem Reuben Buttiġieġ bħala President tal-klabb sabiex b'hekk dawn it-terzi jkunu jistgħu jitħallsu u l-klabb ikun jista'

jibqa' għaddej b'ħidmitu. Skont il-kumpannija attriċi dawn il-ħlasijiet jilħqu s-somma ta' €23,636.35;

3. Hija tgħid li għalkemm il-ħsieb kien li l-klabb konvenut irodd lura dawn il-ħlasijiet lill-kumpannija attriċi minnufih, madankollu minkejja li għadda ħafna żmien, il-klabb konvenut baqa' ma żammx mal-obbligi tiegħu u ma radd xejn minn dan l-ammont. Dan lanqas wara li l-klabb kien ġie msejjaħ mill-kumpannija attriċi biex jagħmel dan. Għalhekk il-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża kontra Marsaskala Football Club, u kif ukoll kontra l-president, is-segretarju ġenerali u t-teżorier tiegħu, fejn talbet lill-qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf, sitt mija u sitta u tletin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (EUR23,636.35);*
>
> *2. Tillikwida l-bilanċ dovut mill-konvenut lis-soċjetà attriċi bħala ammontanti għal tlieta u għoxrin elf, sitt mija u sitta u tletin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (EUR23,636.35);*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, sitt mija u sitta u tletin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (EUR23,636.35);*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiżjali 96/2016 mibgħuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1111/2016 u bl-interessi mit-30 ta' Lulju 2016 li hija d-data ta' notifika tal-ittra uffiċjali fuq imsemmija, kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.»*

4. Il-konvenuti ppreżentaw it-tweġiba maħlufa tagħhom fis-**7 ta' Ottubru, 2016**, u fiha huma ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, Luke Spagnol (K.I. 193388(M)), Roderick Meilaq (K.I. 181191(M)) u Caroline Muscat (K.I. 419975(M)), ma humiex il-leġittimi kontradditturi għat-talbiet rikorrenti, u dan stante l-fatt illi Marsaskala Football Club huwa mogħni b'personalità ġuridika distinta, ai termini tal-artikolu 38(1) tal-Kapitolu 455 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, u wkoll in linea preliminari, l-eċċipjenti ma għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà Erremme Business Advisors Limited;*

*3. Fit-tielet lok, bla ħsara għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari, jekk mill-provi jirriżultaw xi obbligi assunti mis-soċjetà rikorrenti jew ħaddieħor, dawn ikunu ġew assunti volontarjament minn dik il-persuna u/jew entità mingħajr id-debita approvazzjoni, kunsens, jew għarfien tal-esponenti;*

*4. Fir-raba' lok allura, u bla ħsara għas-suespost, anke (iżda mhux biss) b'rabta mat-tielet eċċezzjoni, bl-ebda mod qatt ma kien hemm jew seta' kien hemm il-ftehim jew l-intendiment allegat mis-soċjetà rikorrenti;*

*5. Fil-ħames lok, f'kull każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jiddikjaraw li huma ma għandhom jagħtu xejn lis-soċjetà rikorrenti, kemm għar-raġunijiet mogħtija fl-eċċezzjonijiet hawn imressqa, kif ukoll għal dawk ir-raġunijiet illi se jirriżultaw waqt il-ġbir tal-provi f'din il-kawża;*

*6. Fis-sitt lok, it-talbiet rikorrenti huma f'kull każ, mill-bqija infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi jekk ikun il-każ;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà rikorrenti (inkluż tal-mandat ta' sekwestru nru. 1111/16), u b'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-intimati.»*

5. B'nota mressqa fis-6 ta' Ġunju, 2018, il-kumpannija attriċi ċċarat li din il-kawża ma kinitx qiegħda ssir fil-konfront ta' Luke Spagnol, Roderick Meilaq u Caroline Muscat fil-vesti personali tagħhom iżda biss bħala rappreżentanti tal-klabb konvenut. Għalhekk, hija ddikjarat li ma kellhiex oġġezzjoni li l-isem tal-parti konvenuta jiġi jaqra biss "*Marsaskala Football Club*" (ara paġna 487 tal-atti tal-kawża). Minħabba f'hekk, b'digriet mogħti fil-**<u>11 ta' Ġunju, 2018</u>**, din il-qorti biddlet l-okkju ta' din il-kawża billi ordnat li fejn hemm il-parti konvenuta, din tiġi taqra biss "*Marsaskala Football Club*" (ara paġna 488 tal-atti tal-kawża);

6. Fid-dawl ta' dan id-digriet, waqt is-smigħ tal-24 ta' Settembru, 2021, il-klabb konvenut irtira l-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>** tiegħu dwar il-leġittimità passiva ta' Luke Spagnol, Roderick Meilaq u Caroline Muscat;

7. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tal-**<u>11 ta' Jannar, 2022</u>**;

8. Il-kumpannija attriċi ressqet is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fis-6 ta' April, 2022 (ara paġni 892 sa 906 tal-atti tal-kawża), filwaqt li l-klabb konvenut ressaq is-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu fis-26 ta' April, 2022 (ara paġni 907 sa 915 tal-atti tal-kawża);

9. Din il-qorti wara li ħadet qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet kollha mressqa f'din il-kawża, issa tinsab f'qagħda li tgħaddi għal din is-sentenza;

***Fatti***

10. Reuben Buttiġieġ jaħdem bħala kontabbli (*accountant*) u huwa direttur tal-kumpannija attriċi. F'Ġunju tas-sena 2014, huwa ġie maħtur bħala president tal-klabb konvenut. Hekk kif assuma l-kariga ta' president tal-klabb, Reuben Buttiġieġ beda jaħdem bi ħġaru biex isaħħaħ it-tim tal-kbar u jsib kowċ (jew bil-Malti '*ħarrieġ*') sabiex ikun jista' jmexxi t-tim ta' Marsaskala għar-rebħ. Ix-xewqa tiegħu kienet li t-tim tal-kbar ta' Marsaskala jitla' mit-tielet diviżjoni għat-tieni diviżjoni. Sabiex jilħaq l-għanijiet tiegħu, Reuben Buttiġieġ, permezz tal-kumpannija attriċi, kien ta' spiss joħroġ numru ta' flejjes li fil-fehma tiegħu kienu meħtieġa biex il-klabb konvenut jibqa' miexi 'l quddiem;

11. B'ittra elettronika mibgħuta lil numru ta' membri tal-klabb konvenut, fit-12 ta' Diċembru, 2014, Reuben Buttiġieġ offra r-riżenja tiegħu minn president tal-klabb konvenut b'effett minnufih (ara l-korrispondenza misjuba f'paġna 533 tal-atti tal-kawża). F'din l-ittra Reuben Buttiġieġ ikkommetta ruħu mal-membri l-oħra tal-klabb li huwa kien sejjer iħares l-obbligi finanzjarji li kien intrabat bihom ma' terzi sal-aħħar tal-istaġun tal-futbol;

12. Madankollu, jidher li din ir-riżenja qatt ma daħlet fis-seħħ, tant li f'Ġunju tas-sena 2015 huwa ġie elett mill-ġdid bħala president. Reuben Buttiġieġ baqa' fil-kariga ta' president tal-klabb konvenut sakemm irriżenja definittivament f'Diċembru tas-sena 2015. Sakemm dam president, huwa baqa' jagħmel numru ta' ħlasijiet fl-interess tal-klabb konvenut b'riħet il-kumpannija attriċi Erremme Business Advisors Limited;

13. Wara li Reuben Buttiġieġ waqaf milli jkollu aktar x'jaqsam mal-klabb konvenut, huwa beda jinsisti mal-klabb li huwa kellu jiġi mrodd lura xi flejjes li huwa ħareġ f'isem il-klabb konvenut, iżda l-klabb ma riedx jaf u b'hekk saret din il-kawża;

### *Konsiderazzjonijiet*

14. Din hija kawża fejn il-kumpannija attriċi qiegħda titlob li jiġu mrodda lura lilha l-flejjes li hija tgħid li tat lill-klabb konvenut biex dan seta' jħallas terzi persuni. Hija tgħid li hija kienet ħarġet dawn il-flejjes bil-ħsieb li xi darba l-klabb konvenut iroddilha lura l-flejjes li hija ħarġet f'ismu. Min-naħa l-oħra, il-klabb konvenut jiċħad li huwa kellu xi ftehim jew qbil mal-kumpannija attriċi li jroddilha lura l-flejjes li nħarġu fl-interess tal-klabb. Anzi l-klabb isostni li dawn il-flejjes inħarġu mill-kumpannija attriċi minn jeddha fuq bażi volontarja u li ħafna drabi dawn l-ispejjeż saru fuq inizjattiva biss ta' Reuben Buttiġieġ mingħajr il-kunsens u l-għarfien tal-klabb. Huwa jgħid li għalhekk huwa m'għandu jagħti xejn lill-kumpannija attriċi;

15. Il-klabb konvenut ressaq ukoll eċċezzjoni, li huwa qiesha bħala preliminari, fejn huwa jtenni li huwa m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-kumpannija attriċi. Il-qorti tqis li r-relazzjoni ġuridika titnissel permezz ta' att jew numru ta' atti marbuta flimkien li jwasslu biex jinħoloq effett ġuridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn żewġ partijiet jew aktar. Hija minn din ir-relazzjoni ġuridika li mbagħad, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, titwieled ir-relazzjoni proċesswali (ara ***Burmarrad Commercials Ltd v. Desmond Mizzi et***, Appell Inferjuri, 28 ta' Frar, 2007; ***Salvu Fenech nomine v. Karl Bonello et***, Appell

Inferjuri, 3 ta' Ottubru, 2007; ***Maltacom plc v. Silvan Industries Ltd***, Appell Inferjuri, 28 ta' Novembru, 2007; u ***Glascer & Bilom Ltd v. Anthony Azzopardi***, Appell Inferjuri, 28 ta' Frar, 2007);

16. Għalkemm din l-eċċezzjoni tressqet bħala waħda preliminari, din il-qorti tħoss li hija ma tistax tistħarreġ jekk fil-fatt teżistix rabta ġuridika bejn il-partijiet f'din il-kawża qabel ma hija tidħol fil-qalba tal-kontroversja li hemm bejn iż-żewġ partijiet. Tassew, din il-qorti ma tistax, qabel ma tidħol fil-mertu tat-tilwima, tgħid minn issa jekk twettqux xi atti li ħolqu effett ġuridiku bejn il-partijiet. Għalhekk, din l-eċċezzjoni tal-klabb konvenut sejra tiġi mistħarrġa flimkien mal-konsiderazzjonijiet dwar il-mertu ta' din is-sentenza;

17. Il-qofol tal-inkwiet li hemm bejn il-partijiet huwa dwar jekk il-flejjes li nħarġu mill-kumpannija attriċi fl-interess tal-klabb konvenut, ġewx mogħtija b'self, bħal kif donnha qiegħda tgħid il-kumpannija attriċi, jew inkella jekk dawn ingħatawx mill-kumpannija attriċi b'xejn, jiġifieri b'donazzjoni, hekk kif qiegħed jisħaq il-klabb konvenut;

18. Il-qorti tqis li l-kuntratt ta' self li qiegħed jiġi allegat mill-kumpannija attriċi huwa wieħed li permezz tiegħu min jislef jgħaddi flus jew ħwejjeġ oħra lil min jissellef, biex dawn jintużaw minn dan tal-aħħar, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil dak li jkun sellfu daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità (ara ***Karmenu Mifsud v. Mariano D'Amato***, Appell Inferjuri, 15 ta' Novembru, 2006). Dan it-tip ta' self jissejjaħ self għall-konsum jew mutwu u jinsab regolat mill-**artikolu 1842 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

19. Din it-tifsira teħtieġ f'min jitlob ir-radd lilu tal-ħwejjeġ mislufa li jipprova ż-żewġ elementi tal-kuntratt tas-self: (i) it-*tradio rei*, jiġifieri, f'dan il-każ, il-konsenja tal-flus; u (ii) li din il-konsenja ssir bil-kundizzjoni li l-*accipiens* (min jirċievi l-flus) jobbliga ruħu li jrodd lura l-ekwivalenti tas-somma mislufa. Huwa biss meta jiġu ppruvati dawn iż-żewġ elementi li l-attur ikun issodisfa l-oneru tal-prova li jkollu fuqu (ara ***John Muscat et v. Pacifico Bonniċi et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 19 ta' Jannar, 2005);

20. Kif ingħad mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni fit-23 ta' April, 1998 (N. 4197), b'referenza għall-**artikolu 1813 tal-Kodiċi Taljan** (li minnu ġie mislut l-**artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivil**i tagħna),

> *«la datio di una somma di denaro non vale, di per sè, a fondare la richiesta di restituzione, allorquando, ammesso la ricezione, l'accipiente contesti il titolo della consegna e, correlativamente l'obbligo di restituzione. Infatti, potendo una somma di denaro essere consegnata per varie causali, la contestazione, ad opera dell'accipiens impone, all'attore in restituzione, di dimostrare per intero il fatto costitutivo della sua pretesa; onere che si estende alla prova di un titolo giuridico implicante, appunto, l'obbligo della restituzione.»*

21. Il-liġi ma teħtieġx li fil-każ ta' mutwu, il-kuntratt tas-self isir bil-miktub. Il-liġi titlob il-forma miktuba *ad validitatem* biss fil-każ ta' wegħda ta' self bħal dak (ara l-**artikolu 1233(1)(b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenza ***Simon Parnis v. Benedetta Meilak et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 12 ta' Frar, 2009). Bħal kull kuntratt ieħor, il-kuntratt tas-self jista' jitnissel minn provi ċirkostanzjali li ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-ġudikant x'kienet ir-rieda kontrattwali tal-partijiet (ara ***Josephine sive Josette Żammit v. Darren Woodhead***, Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2010 u ***Perit Andrè Camilleri v. Leslie Corney***, Appell Inferjuri, 27 ta' Ottubru, 2000);

22. Fil-każ tagħna jidher li x-xorta ta' self li l-kumpannija attriċi tgħid li għamlet lill-klabb konvenut huwa ta' sura li fid-duttrina kontinentali hu magħruf bħala *di scopo*, jiġifieri meta parti waħda toħroġ flejjes fl-interess tal-parti l-oħra għall-kisba ta' xi skop maqbul. F'dan il-każ, skont il-kumpannija attriċi s-self ingħata biex il-klabb konvenut jibqa' miexi bl-attivitajiet tiegħu u jkun jista' jħares l-obbligi li kellu ma' terzi. Huwa magħruf li self ta' din l-għamla jaqa' fil-qafas ta' mutwu b'obbligu tar-radd lura (ara ***Anthony Galea v. Alice Aġius***, Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2010);

23. Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu hawnhekk ukoll li bil-liġi skont l-**artikoli 1148(2)** u **1149(1)** tal-**Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, kulħadd jista' jħallas id-dejn ta' ħaddieħor u l-kreditur tal-obbligazzjoni ma jistax jirrifjuta l-ħlas magħmul lilu minn dik it-terza persuna

(ara *inter alia* ***Ċini (Tal-Milja) Ltd v. Dr Joseph Ellis LL. D.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Mejju, 2008 u ***Frozen Art Ltd v. Emanuel sive Manuel Portelli et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Jannar, 2009);

24. F'dan il-każ il-kumpannija attriċi qiegħda tgħid li hija ħallset id-dejn li kien tal-klabb konvenut;

25. Issa meta wieħed, li ma jkollux interess iħallas dejn ta' ħaddieħor, iħallas xorta waħda dana d-dejn, dan ikollu l-jedd li jiġbor lura s-somma mħallsa. Dan hu hekk sakemm dak li jkun ma jkunx ħallas id-dejn bil-ħsieb li jagħmel donazzjoni (ara ***Scicluna v. Lloyd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Lulju, 1898 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar, 1899, ***Charles sive Carmelo Brincat v. John Fleri nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 1938 u ***Anthony Briffa pro et noe v. Vincent Oliver Abela pro et noe*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Marzu, 2003);

26. Sewwasew, f'dan il-każ il-klabb konvenut qiegħed jargumenta li l-ħlasijiet li twettqu mill-kumpannija attriċi saru tabilħaqq b'donazzjoni. Illi biex ikun hemm donazzjoni, il-klabb konvenut jeħtieġlu jipprova l-*animus donandi*, jiġifieri r-rieda ta' persuna li tagħti xi ħaġa b'xejn (ara ***Giorgio Baldacchino v. Giorgio Borġ pro et noe***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Novembru, 1957 u ***Reuben Farruġia nomine v. Tessa Pisani***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 29 ta' April, 2010);

27. Biex wieħed jasal għall-konklużjoni li tkun seħħet donazzjoni wieħed jeħtieġlu jeżamina bir-reqqa x'kienet ir-rieda ta' min ta d-donazzjoni, b'mod partikolari jekk huwa kellux ix-xewqa li jgħaddi b'rigal parti minn ħwejġu lid-donatarju mingħajr ma jippretendi xejn lura. Barra minn hekk, kif irid l-**artikolu 1737(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, id-donanti jrid ikollu l-fehma li jeħles minn dik il-ħaġa li jkun qiegħed jagħti b'donazzjoni minnufih u għal dejjem (ara ***Albert Fiorentino v. Rebecca Attard***, Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju, 2004);

28. Biex il-qorti tiddetermina jekk ġiex sodisfatt l-element tal-*animus donandi* u tistabbilixxi x'kienet ir-rieda ta' min ikun ta l-ħaġa, hija teħtieġ li tistħarreġ x'kienet l-intenzjoni tiegħu fil-ħin tal-att u mhux wara (ara ***Pauline Vella Moran et v. Conċetta Abela***, Appell Superjuri, 27 ta' Ottubru, 2017);

29. Issa skont il-prospett imħejji mill-kumpannija attriċi, u li jinsab f'paġna 55 tal-atti tal-kawża, hija tibda billi titlob il-bilanċ ta' **<u>€3,500</u>** bħala parti minn bilanċ akbar ta' €5,500 fi flejjes li hija ħarġet biex jitħallsu: (i) il-paga ta' kull xahar tal-kowċ Vesko Petrovic matul is-sena 2014; u (ii) t-tagħmir li nxtara biex jintuża mill-plejers tal-klabb konvenut waqt il-logħob tal-futbol. Skont ir-rendikont magħmul mill-kumpannija attriċi li jinsab f'paġna 57 tal-atti tal-kawża, l-ammont ta' €2,000 li ntefaq fit-tagħmir hawn fuq imsemmi, ġie mħallas lura mill-klabb konvenut lill-kumpannija attriċi fit-23 ta' Jannar, 2015 (ara wkoll l-affidavit ta' Tracy Vella f'paġna 52 tal-atti tal-kawża);

30. Il-klabb konvenut jiċħad li dan l-ammont huwa dovut lill-kumpannija attriċi. Madankollu kemm Reuben Buttiġieġ u kif ukoll Tracy Vella, li f'Ġunju tas-sena 2015 kienet ġiet eletta bħala teżorier tal-klabb konvenut, jisħqu li fil-laqgħa ġenerali straordinarja li nżammet mill-klabb konvenut f'April 2015, kienu ġew approvati l-kontijiet tal-klabb, fejn ġie mniżżel li l-klabb konvenut kellu jagħti s-somma ta' €5,500 lill-kumpannija attriċi (ara l-affidavit ta' Reuben Buttiġieġ f'paġna 47 tal-atti tal-kawża u l-affidavit ta' Tracy Vella f'paġna 52 tal-atti tal-kawża);

31. Wara li eżaminat l-atti kollha tal-kawża, din il-qorti ma jidhrilhiex li hija rat xi rendikont finanzjarju jew xi minuti tal-laqgħa ġenerali straordinarja ta' April 2015 li jgħidu li l-klabb konvenut għandu xi dejn mal-kumpannija Erremme Business Advisors Limited. Madankollu, in-nutar Cory Greenland, li huwa membru tal-klabb konvenut, ikkonferma li d-dejn tal-klabb konvenut fl-ammont ta' €5,500 mal-kumpannija Erremme Business Advisors Limited kien fil-fatt ġie mniżżel fir-rendikont finananzju li ttieħed vot dwaru waqt il-laqgħa ġenerali straordinarja hawn fuq imsemmija. Għalkemm l-istess nutar

ivvota kontra dan ir-rendikont finanzjarju, jidher li dan ir-rendikont kien ġie approvat mill-membri tal-kumitat tal-klabb bi tmien voti favur u tnejn kontra (ara l-affidavit ta' Cory Greenland f'paġna 635 tal-atti tal-kawża). Dan reġa' tennieh fix-xiehda tiegħu tat-2 ta' Diċembru, 2020 (ara paġni 664 u 665 tal-atti tal-kawża) u fix-xiehda tiegħu tal-4 ta' Ġunju, 2021 (ara paġni 676 sa 679 tal-atti tal-kawża), tant li kien huwa stess li aċċetta li *«jekk huma dovuti, huma dovuti»*;

32. Darba li kien il-kumitat tal-klabb konvenut stess li approva dan id-dejn, u darba li jirriżulta wkoll li l-klabb konvenut diġà ħallas lura lill-kumpannija attriċi l-ammont ta' €2,000 mill-ammont totali ta' €5,500 li ġie mħallas mill-kumpannija attriċi fl-interess tal-klabb konvenut, din il-qorti ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni li ż-żewġ elementi tal-mutwu ġew ippruvati. Wara kollox jidher li: (i) l-ammont kollu ġie misluf lill-klabb konvenut għaliex ġie mħallas lil terzi fl-interess tal-istess klabb; u (ii) l-klabb konvenut obbliga ruħu li jħallas lura s-somma mislufa lill-kumpannija attriċi (u mhux lil Reuben Buttiġieġ). Fid-dawl ta' dan, il-klabb konvenut żgur ma jistax jgħid li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u bejn il-kumpannija attriċi;

33. Għalhekk, il-qorti, filwaqt li qiegħda tiċħad it-**tieni eċċezzjoni** tal-klabb konvenut, issib li s-somma ta' **€3,500** hija dovuta lill-kumpannija attriċi mingħand il-klabb konvenut;

34. Fil-prospett tagħha li jinsab f'paġna 55 tal-atti tal-kawża, il-kumpannija attriċi qiegħda titlob lura wkoll il-ħlasijiet li hija wettqet lil **Rita Micallef** fix-xhur ta' Novembru u Diċembru 2015 u kif ukoll il-ħlasijiet għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali magħmula minnha li huma marbuta mal-impjieg ta' Rita Micallef. Mill-atti jirriżulta li Rita Micallef kienet ġiet impjegata bħala amministratur mal-klabb konvenut fl-1 ta' Settembru, 2015 (ara l-ittra mibgħuta minn Jobsplus f'paġna 457 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Rita Micallef f'paġna 435 tal-atti tal-kawża);

35. Min-naħa tiegħu, Reuben Buttiġieġ qal li Rita Micallef ġiet impjegata mall-klabb konvenut bl-approvazzjoni tal-laqgħa ġenerali straordinarja tal-klabb u bil-kunsens tal-president u l-viċi-president tal-klabb (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 512 tal-atti tal-kawża);

36. Madankollu, diversi persuni li kienu, jew għadhom sal-lum, membri tal-klabb konvenut saħqu li huma ma kinux jafu li Rita Micallef kienet impjegata direttament mal-klabb konvenut iżda minflok kienu jaħsbu li din kienet impjegata ma' Reuben Buttiġieġ fil-ħanut tiegħu *Maskot* (ara pereżempju x-xiehda ta' Claudette Spiteri Petrovic f'paġna 611 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Romilda Farruġia Montesin f'paġna 614 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Luke Spagnol f'paġni 623 u 624 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Adrian Farruġia f'paġna 842 tal-atti tal-kawża);

37. Kemm hu hekk, skont in-nutar Cory Greenland, il-klabb konvenut qatt ma kien approva l-ingaġġ ta' impjegati amministrattivi, tant li fl-aħħar laqgħa tal-kumitat tal-klabb li ġiet immexxija minn Reuben Buttiġieġ, il-viċi-president tal-klabb ta' dak iż-żmien, Adrian Farruġia, kien ikkontesta lil Buttiġieġ dwar l-impjieg ta' Micallef għaliex dan tal-aħħar ma riedx li l-klabb jitgħabba b'xi piżijiet finanzjarji. Għal dan Reuben Buttiġieg kien wieġeb li Rita Micallef kienet responsabbiltà tiegħu (ara l-affidavit tan-nutar Cory Greenland f'paġna 636 tal-atti tal-kawża);

38. Dan kollu huwa rifless fil-minuti tal-laqgħa tal-kumitat tal-klabb li seħħet fit-2 ta' Diċembru, 2015 (ara paġna 739 tal-atti tal-kawża), fejn ġie mniżżel hekk:

> *«**RB** (Reuben Buttiġieġ) informed the committee that both Mario and also parents are going to Maskot to complain with Rita. **CS** said Rita should not accept this to happen and should ask them to address any issues with the committee.*
>
> ***AF** asked what is Rita's role with the Club and **RB** replied that Rita is his responsibility and that she works for him with his personal shop (Maskot) but helps our the Club in administrative work as delegated to her by **RB**. <u>**AF** requested clarification whether she was ever registered with ETC in the name of the Club and **RB** confirmed this but further declared that she is his responsibility – both financial and</u>*

> *<u>administrative</u>. **RB** said that if the Club thinks she should not help the Club, he can easily inform her accordingly.*
>
> ***AF** said that as Vice President and Committee member he did not know she was registered with the Club at ETC and that this was not acceptable. He turned on all the members present requesting if they knew of Rita's registration position. All members present confirmed that they were not aware except for **TV**. **RB** told **AF** that if the Committee wants he can easily stop her and asked the Committee to decide whether they wanted to be responsible for her termination. <u>The Committee agreed that as long as she was the financial and administrative responsibility of **RB** personally, the Club had no reason to force her termination</u>.»*

39. Huwa ferm ċar minn dan kollu li l-maġġoranza tal-membri tal-klabb konvenut ma kinux jafu li Rita Micallef kienet fil-fatt ġiet impjegata mal-klabb konvenut, u li ma kinitx inġabet l-approvazzjoni tal-kumitat biex hija tibda bl-imjieg tagħha mal-klabb. Huwa evidenti wkoll mill-minuti hawn fuq miġjuba, li Reuben Buttiġieġ kien assuma kull responsabbiltà amministrattiva u finanzjarja li għandha x'taqsam mal-impjieg ta' Rita Micallef. Joqgħod eżatt hawnhekk dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***P.J. Sutters Company Limited v. Michael Debono*** deċiża fit-28 ta' April, 2004, li *«Huwa elementari illi meta persuna tassumi li tħallas id-dejn dovut mit-terz din tkun qed tagħmel dan bi flejjes proprji tagħha u mhux, allura, bi flejjes tad-debitur innifsu»*;

40. Jiġi b'hekk, li hawnhekk it-tieni element tal-mutwu ma ġiex ippruvat għaliex il-klabb konvenut qatt ma ntrabat ma' Reuben Buttiġieġ jew mal-kumpannija attriċi li l-flejjes maħruġa minn Erremme Business Advisors Limited biex jitħallsu l-pagi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' Rita Micallef kellhom jiġu mrodda lura mill-klabb konvenut. Mod ieħor jirriżulta anzi li Reuben Buttiġieġ intrabat li jħallas huwa stess dan id-dejn minflok il-klabb konvenut, x'aktarx, wara li ntebaħ li huwa ma messux qabad u niżżel lil Rita Micallef fuq il-kotba tal-klabb konvenut mingħajr il-kunsens tal-kumitat tal-klabb;

41. Fid-dawl ta' dan, il-qorti qiegħda tiċħad kull pretensjoni tal-kumpannija attriċi biex hija tiġbor lura mingħand il-klabb konvenut il-flejjes maħruġa minnha li huma relatati mal-impjieg ta' Rita Micallef;

42. Skont il-prospett imħejji mill-kumpannija attriċi (ara paġna 55 tal-atti tal-kawża), din qiegħda titlob ukoll li hija tiġbor mingħand il-klabb konvenut, il-flejjes li hija ħarġet biex jitħallas il-**kowċ tal-klabb Vesko Petrovic** għax-xhur ta' Jannar, Frar, Marzu, Awwissu, Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena 2015. Skont ir-rendikont misjub f'paġna 57 tal-atti tal-kawża, għal kull xahar hawn fuq imsemmi, Vesko Petrovic ġie mħallas €700;

43. Il-qorti m'għandhiex dubju li dawn il-ħlasijiet fil-fatt saru mill-kumpannija attriċi għaliex matul is-smigħ ta' din il-kawża ġew ippreżentati ċ-ċekkijiet li nħarġu fuq Vesko Petrovic u t-trasferimenti bankarji relattivi (ara paġni 61 sa 79 tal-atti tal-kawża). Minbarra dan, ir-rappreżentanta ta' Bank of Valletta plc ikkonfermat li l-imsemmija ċekkijiet ġew imsarrfa (ara x-xiehda ta' Joanna Bartolo f'paġna 217 tal-atti tal-kawża);

44. Mill-verżjoni mogħtija minn Reuben Buttiġieġ, jidher li bħala president tal-klabb konvenut, huwa xtaq jagħmel minn kollox biex jara li t-tim ta' Maraskala jtejjeb il-prestazzjonijiet tiegħu, u għal dan il-għan huwa ssuġġerixxa li l-klabb konvenut iqabbad lill-kowċ Vesko Petrovic biex imexxi lit-tim għar-rebħ. Madankollu, huwa ċar mill-provi miġjuba, li l-membri tal-kumitat ma kinux qegħdin jaqblu li l-klabb konvenut joħroġ €700 fix-xahar biex iħallas lil dan il-kowċ għaliex skonthom il-klabb ma kienx jiflaħ iħallas dan l-ammont;

45. Kemm hu hekk, Sandro Vella xehed li wara li membri tal-kumitat iddiskutew il-paga li kien qiegħed jitlob Petrovic, huma kien waslu għall-konklużjoni li din kienet għolja wisq għal tim li kien jinsab fit-tielet diviżjoni. Madankollu, skont Vella, Buttiġieġ kien serrħilhom moħħhom biex ma jinkwetawx għaliex fejn il-klabb konvenut ma kienx kapaċi jasal fil-flus, huwa kien sejjer jagħmel tajjeb għad-differenza. Vella insista li

kliem Buttiġieġ kien li kien ser "*jagħmel tajjeb*" hu u mhux isellef il-flus lill-klabb (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 586 u 587 tal-atti tal-kawża). Dan kollu ġie kkonfermat min-nutar Cory Greenland, li kien issuġġerixxa li Petrovic għandu jitħallas biss €300 fix-xahar, għalkemm dan kien qiegħed jitlob €700 (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 633 tal-atti tal-kawża);

46. Fil-fatt mill-provi jirriżulta li l-klabb konvenut spiċċa biex qabbad lil Vesko Petrovic bħala l-kowċ tat-tim tal-kbar ta' Marsaskala bil-paga ta' €200 fix-xahar (ara l-kuntratt li jinsab f'paġni 889 sa 891 tal-atti tal-kawża). Għalkemm, il-kuntratt li ġie ppreżentat fl-atti tal-kawża jkopri biss mix-xahar ta' Awwissu tas-sena 2015 'il quddiem, din il-qorti qiegħda tifhem li l-paga uffiċjali li kienet dovuta lilu mill-klabb konvenut fix-xhur li ġew qabel Awwissu 2015, kienet ukoll dik ta' €200 fix-xahar għaliex kien Cory Greenland stess li kkonferma li Reuben Buttiġieġ kien għabba lill-klabb konvenut bl-ispiża ta' €200 biss f'dak li kien jirrigwarda l-paga ta' Petrovic, u għamel arranġamenti oħra ma' Petrovic fuq ħlasijiet ulterjuri (ara l-affidavit tan-nutar Cory Greenland f'paġna 636 tal-atti tal-kawża);

47. Din il-qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex hija m'għandhiex tqis il-verżjoni tal-klabb konvenut bħala waħda li għandha mis-sewwa. Wara kollox, il-minuti tal-laqgħa tal-kumitat tal-klabb konvenut li saret fit-8 ta' Lulju, 2014 jixhdu li l-kumitat ma kienx lest li jħallas aktar minn €600 fix-xahar għall-ħarrieġa (*coaches*) prospettivi kollha (ara paġna 734 tal-atti tal-kawża). Meta wieħed iqis li l-klabb konvenut kellu numru ta' ħarrieġa għad-diversi timijiet li kellu, fosthom it-tim tal-kbar u tliet timijiet tal-minuri (ta' taħt it-tlettax-il sena, taħt il-ħmistax-il sena u taħt is-sbatax-il sena), jagħmel sens li l-paga fix-xahar li ġiet allokata lill-kowċ tat-tim tal-kbar kellha tkun dik ta' €200;

48. Terġa' u tgħid, kien Reuben Buttiġieġ stess, meta offra r-riżenja tiegħu fil-korrispondenza elettronika tat-12 ta' Diċembru, 2014, li wiegħed lill-kumitat li huwa kien sejjer iħares l-obbligi finanzjarji li kien intrabat bihom ma' terzi, fosthom dawk ma' Vesko Petrovic (ara paġna 533 tal-atti tal-kawża);

49. Il-qorti tqis li Reuben Buttiġieġ, permezz tal-kumpannija attriċi, ma jistax jitlob li jiġbor mill-klabb konvenut il-ħlasijiet sħaħ li huwa wettaq lil Vesko Petrovic għaliex il-klabb kien intrabat li jħallas lil dan tal-aħħar €200 fix-xahar biss. Għalhekk Reuben Buttiġieġ, permezz tal-kumpannija attriċi, ħaqqu jiġbor biss il-flejjes li l-klabb konvenut kien intrabat li jħallas lil Vesko Petrovic. Il-€500 fix-xahar lil hinn mill-paga ta' €200, li Reuben Buttiġieġ intrabat li jħallas lil Vesko Petrovic, ma jistgħux jiġu meqjusa bħala self li ngħata lill-klabb konvenut, għaliex Reuben Buttiġieġ jew il-kumpannija attriċi qatt ma rabtu lill-klabb konvenut biex iroddhomlhom lura. Wara kollox, kien Reuben Buttiġieġ stess li għarraf lill-klabb konvenut li huwa kien sejjer jagħmel tajjeb għall-ħlasijiet dovuti lil Vesko Petrovic peress li l-klabb ma kienx jiflaħ iħallas;

50. Għalhekk dwar is-salarju tal-kowċ Petrovic, il-qorti sejra tordna li l-klabb konvenut għandu jħallas biss lill-kumpannija attriċi s-somma ta' €200 għal kull xahar ta' Jannar, Frar, Marzu, Awwissu, Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena 2015. B'hekk l-ammont totali li huwa dovut mill-klabb konvenut lill-kumpannija attriċi għal dak li jmiss mal-ħlasijiet li saru minn din tal-aħħar lil Vesko Petrovic, huwa dak ta' **<u>€1,400</u>**;

51. Minbarra l-ispejjeż hawn fuq imsemmija, jirriżulta li Reuben Buttiġieġ, permezz tal-kumpannija attriċi, għamel numru ta' spejjeż oħra f'isem il-klabb konvenut, fosthom billi **<u>xtara numru ta' plejers</u>** (lil Steve Buħaġiar, Melchior Grech, Mark Spiteri, Justin Żammit, Keith Dimech, Stefi Cale, Alex Cauchi u Claudio Pace), billi ħallas xi **<u>pagi lil diversi ħarrieġa u plejers</u>** (ta' Miguel Farruġia Spiteri, Christian Grech, Sergey Danilov, Claudio Pace, Justin Żammit, Alexander Cauchi, Steve Buħaġiar, Gilbert Camilleri, Melchior Grech, Saviour Darmanin, Nikola Stoychev, Denis Sytnik u Josephine Farruġia), u kif ukoll billi ħallas l-**<u>ispejjeż tal-akkomodazzjoni</u>** ta' Stefi Cale. Il-prova tal-ħlas ta' dawn l-ispejjeż tinsab f'paġni 93 sa 179 tal-atti tal-kawża;

52. Il-qorti tqis li fix-xenarju tal-futbol Malti, huwa x'aktarx komuni li persuna tintagħżel biex timla l-kariga ta' president ta' klabb tal-futbol għaliex hija jkollha l-mezzi finanzjarji biex

tgħin lill-klabb jimxi 'l quddiem u jikseb numru ta' suċċessi. Kemm hu hekk, mill-provi jidher li l-president R. Debono, li ppreċeda lil Reuben Buttiġieġ fil-kariga tiegħu, kien ta lill-klabb konvenut id-donazzjoni ta' €22,150, u qatt ma talab xejn lura mingħand il-klabb (ara l-minuti tal-laqgħa tal-kumitat tal-klabb konvenut tal-11 ta' Ġunju, 2014 f'paġna 732 tal-atti tal-kawża). Għalhekk, il-qorti ma tarahiex xi ħaġa bi kbira jew minn ewl id-dinja li Reuben Buttiġieġ, minn jeddu għażel li joħroġ xi flejjes sabiex itejjeb il-qagħda tal-klabb tal-futbol li kien imexxi;

53. Kienu diversi membri u ex-membri tal-kumitat tal-klabb konvenut li matul is-smigħ tal-provi xehdu li l-klabb ma kellux mezzi biex jixtri u jħallas lill-plejers tiegħu. Huma saħqu li Reuben Buttiġieġ ma kienx jinvolvihom fit-trasferimenti tal-plejers u fejn jidħlu ħlasijiet kien jieħu ħsieb kollox hu (ara per eżempju x-xiehda ta' Adrian Farruġia f'paġni 607 u 608 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Romilda Farruġia Montesin f'paġna 614 tal-atti tal-kawża). Luke Spagnol saħansitra xehed li Buttiġieġ kien imur fil-kumitat u jgħarrafhom li huwa jkun xtara plejer mingħajr ma qabel tkun saret ebda diskussjoni (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 621 tal-atti tal-kawża), filwaqt li Pierre Fiorentino, li kien kaxxier tal-klabb konvenut meta Buttiġieġ kien president, xehed li Buttiġieġ kien għarraf lill-kumitat li huwa kien lest li jixtri u jħallas lill-plejers minn butu (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 834 tal-atti tal-kawża);

54. Kemm hu hekk, meta Reuben Buttiġieġ u Tracy Vella rriżenjaw mill-kumitat tal-klabb, il-membri l-oħra tal-kumitat bagħtu ittra lill-Assoċjazzjoni Maltija għall-Futbol fejn għarrfuha li huma ma kinux qegħdin jaċċettaw ir-riżenja tagħhom għaliex dawn kienu ħadu diversi deċiżjonijiet u daħħlu lill-klabb f'numru ta' obbligi finanzjarji mingħajr ma kienu infurmaw lill-bqija tal-kumitat (ara l-ittra datata 19 ta' Diċembru, 2015 f'paġna 260 tal-atti tal-kawża);

55. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-kumpanniija attriċi argumentat li l-kumitat tal-klabb kien jaf sew x'kien qiegħed jagħmel Reuben Buttiġieġ u biex issostni l-argument tagħha hija tislet numru ta' minuti ta' laqgħat tal-kumitat fejn Reuben Buttiġieġ informa

lill-kumitat bl-akkwist ta' numru ta' plejers jew bl-intenzjoni tiegħu li jakkwista xi plejers (ara paġna 899 u 900 tal-atti tal-kawża). Hija tgħid li l-kumitat ma kien juri l-ebda oppożizzjoni għal dak li kien jinnegozja Reuben Buttiġieġ. Madankollu, minn qari ta' dawn il-minuti, il-qorti jirriżultalha li f'ħafna mill-każijiet, Reuben Buttiġieġ kien l-ewwel jikkonkludi l-akkwist tal-plejers u wara kien jgħarraf lill-kumitat bihom. Dan huwa kkonfermat min-nutar Cory Greenland, li xehed li fil-każ tal-plejers Justin Żammit, Alex Cauchi u Claudio Paċe, Reuben Buttiġieġ l-ewwel akkwistahom u mbagħad informa lill-klabb bihom wara (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 637 tal-atti tal-kawża);

56. F'każijiet oħra, Reuben Buttiġieġ kien jinforma lill-kumitat bl-intenzjoni tiegħu li jakkwista l-plejers imma ma kienet issir l-ebda diskussjoni dwar dan. Il-qorti tqis li huwa minnu li minn qari tal-minuti ma jidhirx li kien hemm xi membru tal-kumitat tal-klabb konvenut li wera xi oġġezzjoni għall-akkwist tal-plejers minn Reuben Buttiġieġ. Minkejja dan, fuq ix-xaqliba l-oħra, m'hemm xejn indikat fil-minuti li l-klabb kien qiegħed jaqbel li għandu jħallas il-flejjes maħruġa mill-kumpannija attriċi għall-akkwist ta' dawn il-plejers, u lanqas għall-ħlasijiet li dawn il-plejers kien qiegħed isirilhom;

57. Fil-fatt, il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat li xehdu f'din il-kawża kkonfermaw li Reuben Buttiġieġ qatt ma talabhom biex iroddu l-flejjes li l-kumpannija attriċi kienet qiegħda toħroġ fl-interess tal-klabb u lanqas li dawn il-flejjes kienu qegħdin jinħarġu b'self lill-klabb konvenut (ara fost l-oħrajn ix-xiehda ta' Roderick Meilaq f'paġna 575 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Luke Spagnol f'paġna 620 tal-atti tal-kawża, l-affidavit ta' Zachary Mifsud f'paġna 628 tal-atti tal-kawża, l-affidavit ta' Cory Greenland f'paġna 638 tal-atti tal-kawża, l-affidavit ta' Sephen Borġ f'paġna 643 tal-atti tal-kawża, l-affidavit ta' Pierre Fiorentino f'paġna 645 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Luke Spagnol f'paġna 790 tal-atti tal-kawża);

58. Anzi, Luke Spagnol xehed li l-membri tal-kumitat ma kinux jieħdu gost li Reuben Buttiġieġ kien jaqbad u jixtri l-plejers mingħajr ma jiddiskuti magħhom, imma fl-aħħar mill-aħħar huma kienu jgħidulu li ġaladarba huwa kien qiegħed joħroġ flus minn butu

huwa seta' jonfoq kemm irid (ara x-xiehda ta' Luke Spagnol f'paġna 621 tal-atti tal-kawża). Saħansitra, in-nutar Cory Greenland xehed li huwa kien kontinwament jiġbed l-attenzjoni ta' Reuben Buttiġieġ biex dan ma jidħolx fi spejjeż bla bżonn għall-klabb konvenut minn butu (ara l-affidavit ta' Cory Greenland f'paġna 640 tal-atti tal-kawża). Jidher, madankollu, li Reuben Buttiġieġ għażel li ma jagħtix widen lill-pariri ta' sieħbu Cory Greenland u għamel ta' rasu. Wieħed jista' japprezza li Reuben Buttiġieġ ma kienx jagħmel dan b'rieda ħażina u li hu ried juri kemm bħala president kellu għal qalbu l-ġid tal-klabb. Madankollu hekk kif jgħid il-qawl Malti, *«pjaċir mhux mitlub, nofsu mitluf»*;

59. Din il-qorti ma tista' qatt tasal għall-konklużjoni li fir-rigward tal-ħruġ ta' dawn il-flejjes, it-tieni element tal-kuntratt ta' mutwu ġie ppruvat mill-kumpannija attriċi. Mill-atti joħroġ biċ-ċar li l-klabb konvenut qatt ma obbliga ruħu mal-kumpannija attriċi li jroddilha l-flejjes li din ħarġet fl-interess tal-klabb. Issa jekk Reuben Buttiġieġ, bħala direttur tal-kumpannija attriċi, ħass li din kellha but fond u deherlu li kellu jagħmel użu mill-kapital tagħha għall-ġid tal-klabb li kien qiegħed imexxi, bla ma jorbot lill-istess klabb, din kienet għażla tiegħu u mhux tal-klabb. Reuben Buttiġieġ ma rabatx lill-klabb konvenut biex irodd il-flejjes maħruġa mill-kumpannija attriċi. Għalhekk dan ifisser li fil-mument li twettqu dawn il-ħlasijiet, dawn kienu qegħdin isiru bħala rigal;

60. Fuq kollox, jidher li dment li Reuben Buttiġieġ kien għadu president tal-klabb konvenut huwa ma kien qiegħed jippretendi xejn lura mingħand il-klabb konvenut. Dan kollu nbidel wara li Reuben Buttiġieġ irriżenja minn president tal-klabb u r-relazzjoni tiegħu mal-klabb inbidlet f'tebqa t'għajn u ddarrset. Kien x'kien dan it-tibdil fil-ħsieb, dan ma jistax ma jitqiesx bħala reazzjoni għal ċirkostanzi li m'għandhomx rilevanza għar-rapport ġuridiku li hemm bejn il-partijiet;

61. Però, dan it-tibdil fil-ħsieb ta' Reuben Buttiġieġ m'għandux iħassar jew jinnewtralizza l-intenzjoni oriġinali u legalment irrevokabbli tiegħu, li b'mod volontarju huwa jħallas numru ta' spejjeż fl-interess tal-klabb konvenut (ara f'dan is-sens ***Carmelo Lopez v.***

***Mario Mizzi et,*** Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Frar, 2006). Dan huwa hekk għaliex l-għotja tkun ipperfezzjonat ruħha malli din isseħħ, u sakemm ikun hemm dik ir-rieda, u ladarba sseħħ, id-donanti jitlef kull jedd patrimonjali fuq il-ħaġa donata (ara ***Reuben Farruġia nomine v. Tessa Pisani***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 29 ta' April, 2010);

62. Għalhekk, il-qorti qiegħda ssib li dawn l-ispejjeż minfuqa fuq il-plejers u l-ħarrieġa m'għandhomx jiġu mħallsa mill-klabb konvenut. Il-qorti tqis ukoll li l-istess raġunament hawn fuq milħuq m'għandux għax ma jiġix imħaddem ukoll fir-rigward tal-bqija tal-infiq li sar mill-kumpannija attriċi, li hemm imsemmi fil-prospett misjub f'paġna 55 tal-atti tal-kawża. Dan jinkludi: id-diversi spejjeż relattivi għat-**<u>tmexxija ta' Marsaskala FC</u>**, il-ħlas lil ***<u>Toni's Wines and Spirits</u>***, il-ħlas għal **<u>appell li sar mal-Assoċjazzjoni Maltija għall-Futbol</u>**, il-ħlas ta' ***<u>affiliation fee</u>***, il-ħlas għas-**<u>sistema tas-*sound*</u>** użata fil-barbikju; il-**<u>ħlasijiet fi flus kontanti</u>** li saru mill-kumpannija attriċi u l-ħlas għal ***<u>container</u>*** sabiex fih jinħażen it-tagħmir tal-klabb konvenut;

63. Tassew, il-kumpannija attriċi qatt ma rabtet lil-klabb konvenut biex iħallasha lura għal xi wieħed minn dawn il-ħlasijiet li hija wettqet fl-interess tal-klabb. Għalhekk darba li huwa stabbilit li dawn il-ħlasijiet saru b'titlu ta' donazzjoni lill-klabb konvenut u mhux b'kuntratt ta' self, il-kumpannija attriċi ma tistax titlob il-ħlas lura tagħhom;

64. Ifisser b'hekk, li t-total li għandu jiġi mħallas lill-kumpannija attriċi mill-klabb konvenut huwa dak ta' **<u>€4,900</u>** (€3,500 + €1,400). Għalhekk it-talbiet attriċi qegħdin jintlaqgħu biss safejn dawn jolqtu dan l-ammont ta' €4,900;

65. Fuq l-imgħax mitlub mill-kumpannija attriċi, il-qorti, bit-tħaddim tal-**artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** ħa timxi fuq ir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena. Dwar minn meta għandu jitlaq l-imgħax, tidħol ir-regola msemmija fl-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jingħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien

għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Iris Dalmas v. Ronnie Ġerman et***, deċiża fis-16 ta' Marzu, 2005:

> *«Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed in mora. Jiġifieri, «una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione» (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**)»*;

66. Fil-każ tagħna, minn tfittxija li għamlet din il-qorti fuq is-sistema elettronika tal-qrati, jirriżulta li qabel ma hija fetħet din il-kawża l-kumpannija attriċi sejħet lill-klabb konvenut b'ittra uffiċjali skont l-**artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex titħallas dak dovut lilha. Din l-ittra, li ġiet mibgħuta fis-27 ta' Lulju, 2016, ġiet notifikata lill-klabb konvenut fit-30 ta' Lulju, 2016, u għalhekk huwa minn dakinhar li l-qorti sejra tordna li għandu jinħadem l-imgħax fuq l-ammont ta' €4,900;

67. Issa f'dan il-każ, il-qorti naqqset l-ammont li l-kumpannija attriċi qiegħda titlob fir-rikors maħluf tagħha. Madankollu, dan il-fatt waħdu ma jfissirx li l-imgħaxijiet ma jibdewx jgħaddu fuq is-somma hekk imnaqqsa minn dakinhar tas-sejħa għall-ħlas (ara ***Fogg Insurance Agencies Limited nomine v. Paul Tabone***, Appell Inferjuri, 17 ta' Frar, 2003 u ***H&C Developments Limited v. Francis Grech et***, Appell Superjuri, 25 ta' Jannar, 2013). Dwar dan il-punt ingħad li meta attur jitlob somma determinata, u din titnaqqas, id-debitur m'għandux jieħu vantaġġ billi jiġi meħlus mill-ħlas ta' xi mgħax (ara ***Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited***, Appell Superjuri, 17 ta' Ottubru, 2007, ***RainbowMix Concrete Limited v. Andrew Scicluna et***, Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014 u ***Albert Mallia v. Albert Camilleri***, Appell Superjuri, 1 ta' Diċembru 2014);

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu qies tal-ewwel eċċezzjoni ta' Marsaskala Football Club peress li din ġiet irtirata mill-klabb konvenut waqt is-smigħ tal-24 ta' Settembru, 2021;

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni eċċezzjoni ta' Marsaskala Football Club għaliex ġie ppruvat li fil-fatt hemm rabta ġuridika bejn il-kumpannija Erremme Business Advisors Limited u l-klabb konvenut ladarba din kienet qiegħda tagħmel ħlasijiet fl-interess tal-klabb konvenut;

iii. **<u>Tilqa'</u>** l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba ta' Erremme Business Advisors Limited sal-ammont biss ta' €4,900 u tordna u tikkundanna b'hekk lil Marsaskala Football Club iħallasha s-somma ta' €4,900, bl-imgħax bir-rata ta' 8% mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali bin-numru 96/2016, jiġifieri mit-30 ta' Lulju, 2016, sad-data tal-ħlas effettiv; u

Fl-aħħar nett, il-qorti **<u>tordna</u>** li skont il-kejl tar-rebħ u tat-telf, l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-kawża, magħduda magħhom dawk tal-ittra uffiċjali mibgħuta skont l-**artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1111/2016, għandhom jitħallsu hekk: tliet kwarti (3/4) minn Erremme Business Advisors Limited u kwart (1/4) minn Marsaskala Football Club.

__________________________

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**

__________________________

**Mary Josephine Musu**

**Deputat Reġistratur**